MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 197/2011

**A B**

**vs**

**C C, E C, Registratur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tal-25 ta' Awissu 2011 l-Avukat Dr Cedric Mifsud u il-PL Madeline Firman gew nominati bhala kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri J C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-esponenti hija mizzewga lil C C u ilhom separati de jure mill-15 ta' April 2010 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni;

Illi l-esponenti kellha relazzjoni ma E C u minn din ir-relazzjoni twieldet tarbija fid-29 ta' Jannar 2011 bl-isem J C u ghalkemm l-kunjom huwa C pero' il-konnotati tal-

missier huwa ta’ C C li mhuwiex il-missier naturali waqt li l-missier naturali huwa E C;

Illi l-missier naturali huwa ghalhekk E C;

Illi r-rikorrenti ma tridx li jibqa jkun indikat bhala l-missier tal-minuri l-isem C C imma li l-missier ikun E C;

Talbet li l-konvenuti jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara illi ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi illi J C mhiex il-wild naturali ta’ C C u dan okkorrendo bin-nomina ta’ esperti medici biex isiru t-testijiet tad-DNA;
2. Tiddikjara illi l-missier naturali huwa E C li ghandu l-karta ta’ l-identita bin-numru 006181 (M)
3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri J C billi fejn hemm miktub li l-isem il-missier huwa C C (St Julian’s Malta) dawn jigu imhassra u minflok jigi imnizzel illi l-minuri imsemmi ghandu bhala l-missier E C;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament jingħad li *stante* l-fatt li għaddew ikar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri J C, din l-azzjoni kellha tkun preċeduta minn rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) *ai termini* tal-**artikolu 77Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta** sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semgħet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri J C, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti għal-proċediment tal-azzjoni odjerna.

2. Illli bla ebda preġudizzju għas-suespost, fuq il-mertu b’mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri J C, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti, għalkemm f’dan l-ambitu

l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti biex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 77D tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f'isimha proprju trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal- minuri J C, kienet wettqet adulterju ma' l-intimat E C u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jindikaw lill-E C bħala l-missier naturali tal-imsemmi minuri J C, u dan *ai termini* tal-**artikoli 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**.

4. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri J C ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha li jġib in-numru ta' skrizzjoni 649 tas-sena 2011;

5. Illi dejjem bla ħsara għal dak fuq premess, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess E C sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieldet il-minuri J C, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet it-tifla J C. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita J C;

6. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C C, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Illi l-esponenti ssepara de jure minn ma martu Lorraine B b'kuntratt ta' separazzjoni fil-15 ta' April 2010;

Illi r-rikorrenti Lorraine B kienet telqet mid-dar konjugali f'Settembru 2009 u li l-esponenti ma kellu l-ebda relazzjoni intima mar-rikorrenti minn dik id-data u kwindi minkejja l-provvedimenti tal-ligi dwar il-prezunzjoni tal-paternita' min-naha tal-missier hu mhuwiex il-missier tal-minuri J C;

Illi l-esponenti ma jopponix illi E C karta tal-identita` numru 006181 jigi ddikjarat l-missier naturali tal-minuri J C;

Illi ghaldaqstant il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku mehud kont tas-suespost u dak li ntqal fir-rikors promotur ghandu jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri J C fis-sens li fejn hemm miktub li l-isem tal-missier huwa C C (St Julian's Malta) dawn il-kliem ghandhom jigu mhassra u minflok jigi mnizzel illi l-minuri fuq imsemmija ghandha bhala l-missier lil E C;

Illi l-esponenti ma ghandux ibati spejjez fil-prezenti procedura;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut C C;

Rat it-tweġiba maħlufa tal-konvenut E C, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :
Li biha jammetti t-talbiet attrici;

Rat ir-rapport tad-DNA ta' Dr. Marisa Cassar ;

Semgħet lix-xhieda li ġew prodotti;

Rat id-dokumenti li ġew eżebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi Dr. Marisa Cassar sussegwentement ikkonfermat ir-rapport tagħha fil-15 ta' Novembru 2011 u ppreżentat ukoll affidavit bix-xiehda tagħha, fejn ikkonfermat bil-ġurament illi E C, karta tal-identita` numru 6181M huwa l-missier naturali ta' Jeannelle C;

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza ghal-lum;

Ikkunsidrat:

Illi l-qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' tal-minuri J C *stante* li l-attrici tikkontendi li minkejja li l-minuri li twieldet nhar id-29 ta' Jannar 2011 u cioe' xhur wara li r-rikorrenti isseparat legalment mill-intimat C C permezz ta' kuntratt pubbliku datat il-15 ta' April 2010, u konsegwentement, minhabba l-presunzjonijiet legali naxxenti mill-ligi, l-istess minuri giet imnizzla bhala l-wild naturali tal-intimat C C, l-istess minuri m'hijiex bintu naturali. Ghalhekk permezz ta' din il-kawza qieghda titlob lil din il-qorti sabiex tiddikjara li C C m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti bil-konnotati relattivi ghall-intimat l-iehor E C.

Min-naha tieghu, l-intimat C C ma jopponix ghat-talba tar-rikorrent u jiddikjara li m'huwiex il-missier tal-minuri.

L-intimat l-iehor E C, ammetta t-talbiet hekk kif dedotti fir-rikors guramentat.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku li hija relatata mar-rekwizit li din il-kawza kellha tkun preceduta b'rikors u l-awtorizazzjoni ta' din il-qorti biex tipprocedi bl-istess kawza u dan *ai termini* tal-Artikolu 77C, l-Qorti tirrileva li din gie so      rvolata

permezz tar-rikors intavolat mir-rikorrenti u esebit a fol 82 tal-process, liema rikors gie milqugh permezz ta' digriet datat il-21 ta' Mejju 2013.

L-eccezzjonijiet rimanenti Direttur tar-Registru Pubbliku (hlief ghall-hames eccezzjoni fejn l-intmat E C intalab jaghti d-dettalji tieghu, liema dettalji gew debitament moghtija wkoll) iduru fuq il-mertu tal-kaz odjern u jekk ir-rikorrenti irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri m'hijiex il-wild naturali tal-intimat C C imma l-wild ta' E C u konsegwentement tipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti fil-ligi u li ghall-anqas wahda mic-cirkustanzi komminati f'Artikolu 70(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet pruvata.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Ir-rikorrenti tiddikjara li minkejja li l-minuri twieldet nhar id-29 ta' Jannar 2011[1], xhur wara d-data tal-publikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimat C C (15 ta' April 2010), ma kienux ghaddew it-tlett mitt (300) gurnata relattiva sabiex taqa' l-presunzjoni legali li sakemm jghaddi t-trapass ta' dawn it-300 gurnata u konsegwentement l-intimat C C tqies li huwa l-missier naturali tal-minuri.

Il-qorti tirrileva li permezz ta' *test* xjentifiku[2] ir-rikorrenti rnexxielha tipprova bl-aktar mod assolut li l-minuri J C verament mhux il-wild naturali tal-intimat C C filwaqt li permezz tat-test xjentifiku l-iehor ukoll esebit in atti[3], l-istess rikorrenti rnexxielha tipprova wkoll li l-istess minuri hija l-wild naturali tal-intimat l-iehor E C. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-paternita' u ftit taghmel differenza x'jghidu l-partijiet, ghalkemm jinghad li anke l-partijiet stess jaqblu li l-istess minuri m'huwiex it-tifla tal-intimat C C. Ghaldaqstant, il-provi kollha migjuba quddiem din il-Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri mhijiex il-wild naturali tal-intimat C C.

[1] Ara a fol 8 tal-process
[2] Esebit a fol 42 tal-process
[3] Ara a fol 52 tal-process

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri J C m'hijiex il-wild naturali tal-intimat C C;

(2) Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-istess minuri hija l-wild naturali tal-intimat E C;

(3) Tilqa' t-tielet talba u tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' J C b'dan illi l-konnotati tal-intimat C C jigu mhassra minn fuq l-istess certifikat u jigu sostitwiti bid-dettalji segwenti bhala d-dettalji tal-missier:

Isem u kunjom – E C
Numru tal-karta tal-identita' – 6181M
Eta' meta twieldet il-minuri – 31 sena
Post tat-Twelid – Pieta'
Post tar-Residenza fiz-zmien tat-twelid – Paola
Isem missieru – Joseph C li kien mejjet fiz-zmien tat-twelid tal-minuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------